~~u l-irħula ta' l-imperu biex jara b'għajnejh u jisma' b'widnejh l-għaġeb ta' dik il-katuba. Il-ġeneral, ta' għaqli li kien, dlonk bagħad tagħrifa fl-ibliet u fl-irħula kollha, bi twissija għal dawk kollha bbenefikati mit-tjubija tal-Kbir Kan, sabiex imorru jilqgħuh bl-akbar qima fiż-żjara tiegħu, jfaħħruh u juruh li jagħfuhuiu dak kollu li kien għamel magħhom.~~

~~Fil-jum li huwa għażel, il-Kbir Kan, imsieħeb mil-kbarat tas-saltna, kien sa jagħti bidu għaż-żjara tiegħu, u bill-kemm kien għadu kemm qabes il-għadba tal-palazz, li ma jilmaħx quddiem għajnejh serbut, li donnu bla tmiem, twil twil, ta' rġiel, ta' nisa, ta' xjuħ, ta' żagħżagħ, li dawn malli raw is-sultan tagħhom, infaqgħu f'għajjat ta' ferħ, u ċapċpu jdejhom, u jgħajtu b'leħenhom, jgħidu: "Evviva s-sultan tagħna! ġiħ lill-imperatur! Sebħ lill-Kbir Kan u ġiħ bla qies għal qalb ħanina tiegħu"!~~

~~U s-serbut ta' nies ta' belt li jfaħħru il-Kbir Kan kienu jaslu man-nies tal-belt jew raħal tal-qrib, hekk, li kien jidher serbut twil wieħed ma l-imperu kollu, li fiħ il-poplu kollu jfaħħar u jagħti ġieħ lill-Kbir Kan għal benefiċenza tiegħu.~~

~~Għoġbitu l-ħaġa lill-Kbir Kan, u feraħ lill-ġeneral talli għaraf, hekk tajjeb, joħloqlu l-katuba li titkellem, bħal ma kien jixtieq, u dar imbagħad, lejn il-kbarat li kienu miegħu, u qallhom: "Issa jien ħieni, u ma jonqosni xejn!".~~

~~Jingħad, li dan il-Kbir Kan fit-testment tiegħu, bħala tifkira, ħalla għall-werrieta u għas-suċċessuri tiegħu dan li ġej: "Biss il-**BENEFIĊENZA** hi l-leħen dejjiemi ta' kull barka t'Alla, u hi biss tagħmel lill-bniedem ħieni".~~

~~*N. CASSAR*~~

# IL-WICC IMGEDDED TAL-PALESTINA

Min xi darba, tlietin jew erbgħin sena ilu, kien mar iżur l-Art Imqaddsa, kien intlaqat żgur mid-dehra ta' faqar, ta' għaks u ta' miserja, li fihom kienu jgħixu dawk l-imsejkna li hemm kienu jgħammru. Mitluqha għall-rieħha l-art, mhux maħdum u nieqes minn bexxa ta' ilma u ,għal-hekk, imneżża minn kull ħdura, dak ir-raba, bil-kellma siekta 'mma kiebja tiegħu, kien donnu jitlob lil-moħħ il-bniedem u jistiednu jmidd dirgħajh ħaddiema sabiex hu jroddlu l-għixien u jkattarlu l-ħajja. Kollox bil-maqlub qed jiġri llum fil-Palestina. Il-lum il-Palestina, donnu b'ġiri ta' għafrid b-dehen u ħedma li ma jitwemmnux, bir-raba u l-għelieqi tagħha msoqqijin u jħaddru, qgħedha mill-għaks u l-faqar, tintrefa hekk li waslet dbiddel il-wiċċ musfar u kiebi tagħha.

Din il-bidla ta' għaġeb fil-Palestina hi kollha ġejja mix-xogħol, mill-ħidma ħarqiena ta' l-art: hi ġejja mill-BIEDJA. Jinħtieġ li wieħed imur sa hemm il-lum, jiftaqad u jara b'għajnejh ir-raba u l-għelieqi tannaħat tal-Lhudija, tas-Samarija u

tal-Galilija, biex żgur jistaġeb bil-ħajja ġdida li daħlet qalb dak il-blat sammi u li biddlet dik l-art, dari xorа maħruqa mix-xemx, fi ġnejna mill-isbaħ u ta' ġmiel li jmisslek il-ħsus ta' qalbek u jhennik.

Jinħtieġ bil-ħaqq kollu nistqarruh: dan l-għeġeb ta' bidla ta' wiċċ il-Palestina hu ġej, u ġie tabilħaqq, minn dawk l-ewlenin Lhud li, f'dawn l-aħħar żmienijiet, imħeġġin u miku-



*Mara tal-Palestina*

lin minn imħabba ta' demm ġenshom, (Sioniżmu) kienu marru l-ewwel nies biex joħolqu u jwaqqfu pajjiż għalihom fil-Palestina.

Hi magħrufa ukoll it-telqa u l-ħedla li għandhom għax-xogħol il-ġnus misilmin, l-Arab; dawn huma hekk imħeddlin li jistmerru kull ħajra għax-xogħol, u jbarru minnhom kull mixi l-quddiem, kif mixja llum id-dinja.

Hekk għexu dawn għal żmien twil fil-Palestina, li taħt il-ħakma tagħhom ma setgħetx ma tkunx ħlief art ta' faqar, għakis u miserja. Imma ukoll dawn, malli l-ewwel ġgajtiet ta' Lhud waqqfu t-tined tagħhom fil-witja ta' Esdrelon, dawn il-Misilmin, imħarrkin minn ħsus għejjura u beżgħanin minn tgħedida li jitilfu pajjiżhom, qamu minn-nagħs tagħhom, tajru l-għazz u tawha għax-xogħol, b'dak il-ħsieb li jippikaw mas-Sjonisti u jaqtawlhom qalbhom. B'hekk iżda, ukoll ir-raba u l-għelieqi tagħhom ħadu rruħ u bdew jagħtu xi ġid.

U din il-mixja l-quddiem fix-xogħol ta' l-art aktar bdiet tgħaġġel u timxi malajr kif bdiet timxi l-quddiem "l-ettrifikazzjoni" tal-pajjiż hekk, li fi ftit snin minn Dan sa Bersabea wiċċ il-Palestina mbidel, żdied il-bejh u x-xiri, u l-qagħda tal-pajjiż ġiet ħafna għall-aħjar.

## *IL-QAGĦDA TAX-XIRI U L-BEJH*

Il-Palestina, aktar minn kollox, hi pajjiż tal-biedja: ir-raba u l-egħlieqi tagħha, mgħejjunin minn klima xemxi li tista tħaddmu kif u kull meta trid, jagħti ħxejjex u għelejel b'kotra kbira u mill-aħjar. It-tgħamir ta' oqsma sħaħ bil-larinġ u bil-palm, li jagħti l-aktar tamar bnin, m'humiex ħlief l-għeliem tal-Palestina mgħarufin min-naħat kollha ta' l-Ewropa; iżda, l-ħila u s-saħħa li għandha fi ħxejjha biex trodd għelejjel ħafna oħra, hi ukoll magħrufa. U dan narawh jitwettaq iżjed il-quddiem meta', min flok it-tisqija tax-xita artifiċjali tidħol dik ta' l-ilma ġieri mil-Ġudan, li jkun jista' jitferrex u jsaqqi kull fejn jinħtieġ. Hija ħasra, meta tiftakar li għadd kbir ta' siġar iħaddru taż-żebbuġ u tal-gummajż kienu ġew

imqaċċta u meqruda mill-Misilmin; imma ukoll għal dan id-dehen tal-ħakkiema tal-lum ħasbu u mxew il-quddiem.

Bil-ħidma dehnija tal-Lhud, il-bejh u x-xiri fil-Palestina, mexa ħafna 1-quddiem, resaq sewwa, għall-kemm b'ħafna tfixkil, għal dak li jitlob il-kummerċ il-lum u għamel b'mod li jiġbed lejh u jħajjar ix-xerrejja u l-bejjiha tax-Xerq (Oċċident) bi swieq xierqa, li jaqblu u jħallu l-qliegħ.

Għalhekk, il-lum il-kummerċ fil-

## IL-QAGĦDA TA' L-INDUSTRIJA F'IŻRAEL

Dak li l-aktar għen biex tiġi l-quddiem b'ħeffa tal-għaġeb l-industrija f'Iżrael tal-lum kienu l-ewlenin tliet ċentrali ta' l-elettriku f'Tel-Aviv, f'Kajfa u f'Tabarija. Kapitalisti u nies tas-snajja, ħarġu flushom ħlew il-qawwa ta' denhom u ħabirku kemm felħu biex joħolqu xogħolijiet, iwaqqfu fabbriki u jibnu ndustriji, li jkunu l-għana tal-pajjiż.

Għal dan biż-żejjed li wieħed ikun



*Familja ta' bdiewa fil-Palestina*

pajjiż ġdid ta' Iżrael għandu qagħda soda, dejjem iżjed jikber u dejjem ġej aktar il-quddiem. L-għaqdiet u kooperativi ta' banek li nħolqu, x-xrieki ta' għajnuna ta' kummerċ u ta' industrija li twaqqfu, u s-somom kbar li ntefqu fi ftuħ ta' triqat ġodda, f'bini u f'fabbriki ta' kull ġens u sura, jruru ġejjieni li jqawwi l-qalb u jimla bit-tama.

jaf, kif twaqqfu, imxew il-quddiem u waslu xi fabbriki tas-sapun, l-iżjed, wara d-dħul tal-magni li jħeffu x-xogħol u jkattru bla qies il-qliegħ.

Ta' min iqis ukoll, kif marret il-quddiem il-"Portland Cement Company" ta' Qajfa u dawk il-Kbar Imtieħen imwaqqfin f'dik il-belt.

U ma dawn żid ukoll għadd ta' fabbriki oħra tat-tabakk, tas-sigarri

u tas-sigaretti, li jagħtu xogħol lil ħafna nies u jħallu ħafna qliegħ.

U ma jonqsux ukoll għadd ta' fabbriki oħra ta' l-Alkool, tas-suffarini u ta' ħafna ħwejjeġ oħra meħtieġa għal pajjiż.

Betlehem hi magħrufha mad-dinja kollha għax-xogħol tal-madreperla.

Dak li jżomm, imbagħad, il-qies fil-miżien tal-qliegħ u tat-telf fix-xiri u l-bejh tal-Palestina mal-ġnus l-oħra, l-iżjed ta' l-Ewropa, hu l-ħruġ u d-dħul tal-ħwejjeġ mibjugħa jew mixtrija. Il-bejh taż-żejt taż-żebbuġ, tal-larinġ, bajt u ġwież li l-Palestina tibdel ma' karozzi tan-nar, magni, ħarirjiet, drappijiet tas-suf, tal-qoton u mijiet ta' ħwejjeġ oħra, jżommu il-miżjien fl-ekonomija tal-Palestina.

U wkoll, ma din il-lista, li aħna tagħjna fuq fuq hawnhekk, tal-qagħda ekonomika tal-Palestina, m'għandniex inħallu dak id-dħul, mhux ckejken, li ġej bla hedu mit-turisti u miż-żawwara li jmorru fl-Art Imqaddsa. L-għadd ta' dawn il-għorba, l-iżjed mill-aħħar gwerra l-hawn, dejjem baqa' jikber u jħalli dħul hekk kbir lin-nazzjon, li hu ta' min jagħti każu sewwa.

Hu dan kollu hu l-wiċċ ġdid ta' l-Art Imqaddsa.

Konna xtaqna iżda, li ma dan il-ġid kollu materjali li aħna rajna sar u qed isir dejjem iżjed fil-Palestina, nuru ukoll mixi il-quddiem f'dak li hu tar-Reliġjon. Imma, b'għafsa ta' qalb, ikollna ngħidu, li ftit u xejn nistgħu niftaħru b'din il-ħaġa, u biż-żejjed wieħed iqis, li l-belt ewlenija ta' Tel-Aviv, f'Iżraeli, hi msejħa "Il-Belt ta' bla Salib"!

*P.S.*

---

# ~~GRAJJA TA' ABU SLIMAN~~

~~Sliman kien żagħżugħ, miżżewweġ, u kien hekk għaqli u jħobb lill-missieru, li hu, flimkien ma martu, baqgħu jgħammru miegħu. Ix-xiħ missieru kien qorob il-mija, imma moħħu kien għadu tajjeb ħafna, u ma kontx tgħaddih minn għajn il-labra kif ġieb u laħaq.~~

~~Ġara', li s-sultan ta' dik l-art tax-Xerq fejn kien jgħammar Sliman, kien daqsxejn pittma u kollox kien jagħtih f'għajnu u jdejjqu. Fost kollox kien idejqu, li kull meta joħroġ mill-palazz, kien ta' sikwit jintaqa' ma ħafna xjuħ, li dawn, billi mgħakksin mil-mard jew mix-xjuħija, kienu jisgħolu, jobsqu fejn ġie ġie u jixxenglu l'hawn u l'hemm, bill-kemm jistgħu jimxu u jitkaxkru lejn darhom. Habta waħda il-għalhekk, is-sultan, mirbuħ minn djequ, nieda għamar, li jgħid: "Ix-xjuħ kollha, huma min huma, fi żmien ta' jumejn, jiġu mneħħija mill-Belt, u mibgħutin f'raħal fil-bogħod, fejn ma jkunux jidhru".~~

~~Sliman, b'dan l-għamar sultani, ġie milqut f'qalbu għax miġbud kif kien, bl-imħabba lejn missieru, b'xejn u għall-ebda ħaġa ma kien ried jinfired minnu. X'għamel għalhekk? Qal: Naħbih fid-dar u ma ngħid lil ħadd! U hekk għamel: niżżlu fil-kantina u ħbieh hemmek fejn kellu l-bir ta' l-ilma, u ma qal lil ħadd, ħlief lil martu biss, li din ħalfitlu li kellha żżommha għaliha u ma tgħid lil ħadd.~~